# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 14/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Anthony Azzopardi (ID 419957M) u Charles Azzopardi (ID 205854M) eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries**

**VS**

**Essential Elements Limited - C 101093 bħala debitur prinċipali u Bhim K C Kamal (ID 0333886A) bħala garanti flimkien u in solidum mad-debitur prinċipali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Jannar 2024, li permezz tiegħu r-rikorenti, bil-ġurament ta' Anthony Azzopardi, talbu s-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' intimata xtrat diversi konsenji ta' prodotti għall-konsum mingħand ir-rikorrenti u dana kif jirriżulta mill-anness statement, dokument A.*

    2. *Illi s-soċjeta' intimata għad fadlilha tħallas l-ammont bilanċjali ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€ 13,376.90). u dana ukoll kif jirriżulta mill-anness statement dokument A.*

    3. *Illi skond ftehim milħuq bejn il-kontendenti (ara Dokument B) l-intimat Bhim K C Kamal indaħal personalment mas-soċjeta' intimata bħala garanti flimkien u in solidum magħha għall-ħlas ta' kull kwalsiasi ammont dovut lir-rikorrenti mis-soċjeta' intimata.*

4. *Illi l-intimati flimkien u in solidum ġew debitament interpellati sabiex jgħaddu għall-ħlas tal-ammont bilanjali ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€13,376.90), iżda baqgħu inadempjenti.*

5. *Illi r-rikorrenti jafu b' dawn il-fatti personalment.*

6. *Peress illi s-soċjeta' intimata bħala d-debitur prinċipali u l-intimat bħala l-garanti flimkien u in solidum mad-debitur prinċipali, ġew interpellati għall-ħlas tal-ammont hawn fuq imsemmi diversi drabi u baqgħu inadempjenti;*

7. *Peress illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x' jagħtu għat-talbiet tar-rikorrenti;*

*Tgħid s-soċjeta' intimata għar-raġunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din il-Onorabbli Qorti m' għandhiex:-*

1. *Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 - 171 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

2. *Tiddikjara illi l-intimati t-tnejn flimkien u solidalment bejniethom għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€ 13,376.90).*

3. *Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum iħallsu l-ammont kumplessiv ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€13,376.90) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-aħħar invoice u ċioe tas-16 ta' Frar 2023 sal-pagament effettiv.*

   *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' April 2023, kif ukoll tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed jkun intavolat kontestwalment, kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Frar 2024 il-kawża ġiet appuntata għat-12 ta' Marzu 2024 fid-09.30am.

3. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' intimata ma kinetx notifikata, w għalhekk il-Qorti ordnat in-notifika wara l-ħinijet legali u, f'każ ta' eżitu negattiv, bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

4. Rat illi, l-4 ta' Lulju 2024, l-atti ġew notifikati lill-intimati. (fol 15 tergo)

5. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2024, is-soċjeta' intimata Essential Elements Limited w/jew xi rappreżentant tagħha kif ukoll l-intimat Bhim K C Kamal ma dehrux.

6. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2024, Dr Victor J Bugeja ikkonferma illi l-ammont kien għadu dovut u li għalhekk il-Qorti setgħet, a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12, tiddeċiedi l-kawża odjerja bil-proċedura speċjali sommarja.

7. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

8. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi l-intimati Essential Elements Limited u Bhim K C Kamal it-tnejn flimkien u solidalment bejniethom għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€ 13,376.90).

**Tikkundanna** lill-intimati Essential Elements Limited u Bhim K C Kamal flimkien u in solidum iħallsu l-ammont kumplessiv ta' tlettax il-elf, tlett mija u sitta u sebgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€13,376.90).

Imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-aħħar invoice u ċioe tas-16 ta' Frar 2023 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' April 2023, kif ukoll tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed ikun intavolat kontestwalment, kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**